Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2003

Numru 619/2002

**Illum 28 ta' Ottubru 2003**

**PULIZIJA**
**SPETTUR SIMON GALEA**

**VS**

**GIOVANNA PULLICINO**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Giovanna Pullicino ta’ 39 sena mwielda Gharghur fit-8 ta’ Novembru 1962, mart Albert Anthony Fenech u Catherine xebba Spiteri u li toqghod Boomerang, Triq Excelsior, Gharghur, bin-numru tal-identita’ 46363(M);

Talli fit-30 ta’ Mejju 2002, bejn is-saghtejn u t-tlieta u nofs ta’ wara nofs in-nhar, fit-Triq Excelsior, Gharghur, volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli cioe’ f’vettura bin-numru tar-registrazzjoni FMR001, liema ammont ta’ hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira maltin (Lm50), izda ma teccedix il-hames mitt lira maltin (Lm500), ghad-detriment ta’ Rosario Demajo bin-numru tal-karta ta’ l-Identita’ 684729M;

U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi volontarjament kisret il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied;

Aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, qalet kliem oxxen fil-pubbliku li jikkonsisti f’dagha

Aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi ghamlet lil Francesca Maria Romana Demajo ingurji jew theddid mhux imsemmijin band’ohra f’dan il-Kodici, jew jekk ikun ipprovokat, jingurja b’mod li johrog barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Wara illi rat l-Artikoli 328, 252, 330 338 et tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi, fl-istqarrija taghha, l-imputata innegat illi, b’xi mod, ghamlet vjolenza mal-karozza tal-kwerelanta wara tilwima bejn it-tnejn.

Illi dina l-vjolenza giet minnha innegata fix-xhieda taghha ukoll, nonostante illi hija tammetti li wzat xi kliem oxxen u indicenti waqt dana l-argument.  Dina l-vjolenza hija negata wkoll minn zwieg l-imputata, Albert Pullicino, li kien prezenti ghall-incident, jew almenu ghall-bicca l-kbira tieghu.

Illi, min naha taghha, il-kwerelanti tinsisti illi l-imputata kienet il-kagun tad-diversi daqqiet li taghhom hija ezebit fotokopji ta’ ritratti.  Dina x-xhieda tinsab konfortata bix-xhieda tax-xhud okulari Nordia Roache.  It-tnejn ikkonfermaw illi matul l-incident, l-imputata, tat bis-sieq lill-vettura tal-kwerelanti u kkawzat dawk l-ghafsiet fil-vettura li jidhru fuq il-fotokopji tar-ritratti ezebiti.

Illi l-kwerelanti la hija certa dwar l-identita’ ta’ l-imputata u l-anqas ma’ hija certa dwar il-mod kif l-imputata kkawzat dawn id-danni.  Ix-xhud Roache m’hihiex ezatta fid-deskrizzjoni ta’ kif l-imputat kkawzat dawn id-daqqiet, il-ghaliex hija kienet fuq in-naha tax-xellug tal-karozza u ma’ setghetx tara x’kienet qed taghmel l-imputata.

Illi l-incertezza taz-zewg xhieda, flimkien mal-fotokopji tar-ritratti u mhux l-originali , ezebiti u l-fatt illi l-imputata kellha f’idejha binha ta’ sitt snin f’dak il-mument, huma kollha fatturi illi jimmilitaw favur l-imputata, in mankanza ta’ liema certezza, dina l-Qorti ma’ tistax issib htija, hlief illi ssibha hatja tat-tieni u t-tielet imputazzjoni ghax dawn jirrizultaw, oltre kull dubbju, u ghaldaqstanti, qeghda tikkundannaha ghall-hlas ta’ hamsa u sebghin lira maltin (Lm75) multa.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------